**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A11-07

7 ta’ Novembru 2007

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/11**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ġimgħa 9 ta’ Novembru 2007, fis-2.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ *Request Sheets*
5. *Tender – GLC05/2007 Patching & Kerb reinstatement Works* – Diskussjoni u Approvazzjoni
6. Librerija Pubblika
7. Dekorazzjonijiet Għall-Milied
8. Diskussjoni dwar Regolamenti ġodda għall-permessi
9. *Tender Embellishment* tal-Ġnien
10. Affarijiet Oħra
11. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dunstan Attard | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Viċi-Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

14 ta' Diċembru 2007

Ref Nru.Klg5/011

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/11 li saret il-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fis-2.00 p.m.

Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joseph Camilleri, Malcolm Camilleri u Albert Rizzo flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.
Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-Perit Joe Bugeja.

**Skużat:**

Il-Kunsillier Ian Micallef.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-7 ta' Novembru 2007.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ġimgħa 5 t'Ottubru 2007, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Paġna Nru.2 para 2.3 – l-aħħar paragrafu irid jinbidel u jsir

'Iċ-*Chairman* qal, li fiż-żmien li kien qed isir il-kuntratt mas-Sur Stivala, kienu tkellmu iżda qatt ma qallu li ried jikri l-Gżira Lions Club.

Din l-emenda tressqet miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

**1.3.** Il-Kunsillier Albert Rizzo ressaq dawn l-emendi:

Paġna Nru.9 – il ħames paragrafu – l-Kunsillier Albert Rizzo qal, li wara l-kliema ' barra mill-laqgħa' trid tiżdied il-frażi ' kif ukoll, is-Segretarju Eżekuttiv'.

Paġna Nru.11 – it-tielet paragrafu wara l-kelma 'tiegħu' jridu jiżdiedu l-kliem ' u s-Segretarju Eżekuttiv'.

Paġna Nru.14 – 9.1. – wara l-kliem ' ma' ritratt' il-paragrafru ta' wara jrid jibda
' Il-Kunsillier Albert Rizzo ppropona li l-Kunsillieri Nazzjonalisti flok tlett artikli , jinkiteb wieħed ta' sitt mitt kelma f'isimhom it-tlieta'.

Paġna Nru.16 – il-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar wara l-kliem 'dan il-kumment' trid tiżdied il-frażi ' anzi nerġa' ntenni li kull min ċapċap għall-gideb li qal Dott Alfred Sant u l-artiklu li deher fl-Orizzont, kien xadina'.

Dawn l-emendi ġew issekondati mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**1.4.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tnejn 12 t'Ottubru 2007, ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1.** re: para 3.10. Il-Kunsillier Albert Rizzo xtaq ikun jaf jekk il-kawża ta' 123 Triq Cameron ġietx irtirata.

Iċ-*Chairman* wieġeb li din kienet għada ma ġietx irtirata minħabba l-fatt li l-Avukat Frank Cassar ma kienx qed jattendi l-uffiċċju għax mietet ommu.

**2.2.** re: paġna 18 para 11.15 r-raba' paragrafu, l-Kunsillier Albert Rizzo qal, li hu kien reġa' vverifika mal-President tal-*Gżira United Football Club* u dan qallu li kien tkellem mas-Sur Stivala.

Iċ-*Chairman* reġa' rrepeta dak li qal aktar 'l fuq li fiż-żmien li kien qed isir il-kuntratt mas-Sur Stivala, kienu tkellmu iżda qatt ma qallu li ried jikri l-*Gżira Lions Club*. Huwa kompla jgħid, li hu bħala Sindku għandu dritt jitkellem ma' min irid fejn jikkonċerna l-lokalita'

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li każ simili kien dak tat-*tender* tal-knis meta l-Onor Robert Arrigo kien qalli biex naħsbu fiz-zalza (wieħed mis-sottomettenti tat-*tender* hawn fuq msemmija) iżda dan l-anqas biss ġabarha.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li Shaun Farrugia kien żgwidat biċ-ċifra li xi ħadd qallu li kienet madwar Lm35,000/€81,528.07.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sad-9 ta' Novembru 2007 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li intbagħtu fosthom,

**3.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-prezz tar-*Rubber Speed Moderators* kien għola bl-ammont ta' Lm71.88/€167.44 minħabba l-fatt li r-*rubber speed moderator* li kellha tiġi nstallata wara Muscat Motors, ġiet installata fi Triq Luqa Briffa quddiem il-*hairdresser* u hemm it-triq kienet 1.5m aktar wiesa.

**3.4.** Tressqu tlett talbiet mill-*Gżira United Football Club* li kienu:

i Għajnuna għal *Fund Raising Activity – Pasta Night*.

Ii Sussidju għat-trasport biex jieħdu t-tfal għall-logħob bejn Settembru 2007 u Mejju 2008 għall-ammont ta' Lm350/400/€815.28/€931.75.

Iii Tiswija tas-saqaf tal-kamra tan-*Nursery* madwar Lm1000/€2329.37

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li tingħata s-somma ta' Lm150/€349.41 bħala parti mill-ispejjeż.

**3.4.** Rigward Ċirk 80/2007 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar *e-mails* personali tal-Kunsillieri ġie deċiż li tintbagħat dik tas-Sindku, Viċi-Sindku, l-Kunsillieri Joe Camilleri u Albert Rizzo minħabba l-fatt, li l-Kunsillier Malcolm Camilleri ma kienx interessat, l-Kunsillier Anthony Abela m'għandux *e-mail* personali filwaqt li l-Kunsillier Ian Micallef ma kienx preżenti għall-laqgħa għalkemm il-Kunsill kien tal-fehma li l-Assoċjazzjoni

tal-Kunsilli Lokali diġa' għandha *e-mail address* tiegħu minħabba li hu membru ta' l-Eżekuttiv.

**3.5.** Inqrat ittra mibgħuta minn *D Gossip Productions* dwar program televizziv fuq U TV li jixandar mal-Kumpanija Multiplus program informattiv li għalih sejrin ikunu mistiedna l-Kunsillieri kollha dejjem jekk ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kunsill. L-ispiża hi ta' Lm105/€244.58 + VAT li tinkludi l-*crew*, filmati ta' xogħlijiet li jkunu saru mill-Kunsill, filmati ta' żoni oħra skond ix-xewqa tal-Kunsill, Editjar Professjonali tal-filmati, filmati t'intervisti mal-Kunsillieri u s-Sindku, madwar siegħa u kwart *airtime* u repetizzjoni tal-programm.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li dan il-programm isir u man-nefqa hawn fuq msemmija b'kundizzjoni li jkun rrekordjat.

**3.6.** Rigward l-Ittra Uffiċjali li l-Kunsill irċieva mill-Qorti dwar il-ħlas ta' Lm205/€477.52 prezz ta' *manhole cover* dovut lill-Maltacom, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda risposta għall-fax mibgħuta fit-22 t'Ottubru 2007 lill-Avukat tal-Kunsill, Dott. Edward Woods.
Għalhekk matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li nerġgħu niktbu lil Dott Woods, ninfurmawh bl-Ittra Uffiċjali u nitolbuh jibgħat *draft reply* lill-Kunsill minħabba l-fatt, li żmien biex tiġi sottomessa r-risposta, l-Kunsill kellu biss tletin ġurnata minn meta rċeviha.

**3.7.** Iċ-*Chairman* talab biex il-Kunsill jgħaddi għal l-*item* Nru.4 Request Sheets minħabba li l-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja kien għadu ma wasalx.
Il-Kunsill laqa din it-talba.

**3.8.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 309 sa Nru. 361 (ara *Appendix* Nru. 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri, r-*Request Sheets* minn Nru. 309 sa Nru. 361 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo.

## 5. *Tender GLC05/2007 Patching & Kerb reinstatement Works* – Diskussjoni u Approvazzjoni.

**5.1.** Tqassmet *spreadsheet* dwar it-*tender* hawn fuq msemmija lill-Kunsillieri (ara *Appendix* Nru. 2). Ħamsa kienu t-*tenderers* li ssottomettew li

kienu: *Power Cut Ltd – Asfaltar Cons. Ltd – Road Maintenance Services – Silvar Construction & Services Ltd* u *Polidano Brothers Ltd*.

**5.2.** Inqrat ukoll *e-mail* ta' rakommandazzjoni mibgħuta mill-Perit Joe Bugeja (ara *Appendix* Nru.3) dwar it-*tender* hawn fuq msemmija fejn it-*tenderers Power Cut Ltd, Road Maintenance Services* u *Silvar Contruction & Services Ltd* ġew eliminati minħabba l-prezzijiet li ssottomettew kienu għoljin. Huwa kompla jgħid li kemm *Polidano Brothers Ltd* kif ukoll *Aslfaltar Constructions Ltd* kienu viċin ħafna fil-prezzijiet, iżda fl-opinjoni tiegħu l-prezzijiet d-ditta Asfaltar kienu aktar vantaġġjużi għall-Kunsill. Għalhekk, huwa kien qed jirrakkomanda lid-ditta *Asfaltar Constructions Ltd*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri mar-rakkomandazzjoni tal-Perit jiġifieri li t-*Tender GLC05/2007 Patching & Kerb reinstatement Works* tingħata lid-ditta Asfaltar Constructions Ltd bir-rati kif speċifikati fl-istess *tender* kif ukoll, li tinħareġ il-*Letter of Acceptance*.

## 6. Librerija Pubblika

**6.1.** Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku Dunstan Attard, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri mal-kummenti u rrakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat maħtur dwar il-Librerija Pubblika (ara *Appendix* 4) li kienu:

L-isem ser ikun Librerija Pubblika Gżira

Tinħareġ Sejħa ta' Interess għall-Librar għal disa' siegħat fil-ġimgħa li minnhom erba' siegħat ser jitħallsu mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi u ħames siegħat ser jitħallsu mill-Kunsill Lokali bil-prezz ta' Lm2.25/€5.24 is-siegħa.

Total fis-sena spiża għall-Kunsill Lm585/€1362.68.

## 7. Dekorazzjonijiet Għall-Milied

**7.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, l-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill kien identifika tlett postijiet fejn setgħu jiġu nstallati siġar tal-Milied, tnejn fuq iz-zuntier tal-Knisja u waħda fi Pjazza Meme' Scicluna. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill kien ikkuntattja lill-*Environmental Landscapes Consortium,* il-kuntrattur li għandu l-Kunsill għas-*soft areas* u Dott. Ronald Cuschieri wiegħed li jagħti żewġ siġriet. Il-Kunsill għandu jixtri d-dwal u l-Kumitat Festi Esterni jieħu ħsieb jixgħelhom. Għalhekk, kien qed jitlob sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħin finanzjarjament.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien iltaqa' mas-Sur Stivala u dan qallu li l-lukanda tiegħu kienet lesta li toħroġ madwar Lm100/€232.94 sabiex isir

tiżjin tal-Milied fix-Xatt u fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jikkuntattja lill-Lukandi kollha dwar dan.

Il-Viċi-Sindku qal, li mill-esperjenza tiegħu li kellu tal-lukandi dwar is-*Summer Music Nights* ma tantx kienet ser treġi u ma kienx baqa żmien biex tiġri wara n-nies.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo li jkun hemm għaż-dispożizzjoni s-somma ta' Lm500/€1164.69.

**7.2.** Peress li fit-3.00 p.m. wasal il-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja, l-Kunsill issospenda l-Aġenda u kompla b'i*tem* Nru. 9 – *Tender Embellishment tal-Ġnien*.

**9. *Tender - Embellishment* tal-Ġnien**

**9.1.** Iċ-*Chairman* qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ffirmaw il-kuntratt tal-proġett ta' l-*embellishment* tal-Ġnien li qed isir mill U.I.F. fi ħdan il-M.E.P.A. għall-ammont ta' Lm40,000/€93,174.94. Huwa kompla jgħid, li l-Perit għandu jipprepara t-*Tender* sabiex din titressaq quddiem il-Kunsill u jekk ikun hemm qbil, it-*Tender* jiġi ppubblikat. Huwa qal ukoll, li l-Kunsill iżomm mal-proċedura tas-soltu jiġifieri li jinħatar Kumitat li tiegħu jkun hu ċ-*Chairman* u fl-eventwalita' li ma jkunx jista', joqgħod minfloku l-Viċi-Sindku u Kunsillier minn kull Partit Politiku.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**9.2.** Iċ-*Chairman* qal, li l-Klabb tal-Juventus Malta kien offrielu funtana biex titqiegħed fil-Ġnien.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li jaċċettaħiex minħabba li kienet żgħira.

**9.3.** Il-Kunsillier Albert Rizzo ssuġġerixxa li għandu jiġi nkluż *reservoir* għall-ilma fil-Ġnien.

Il-Perit qal, li kien suġġeriment tajjeb iżda jekk dan isir, kien ser jieħu parti sostanzjali mis-somma allokata għal dan il-proġett pero' jista' jagħmel tajjeb għall-parti minnu, l-*Environmental Landscapes Consortium* għax b'hekk ikun qed jgħin anke lilhom minħabba t-tisqijja tal-Ġnien.

9.4. Il-Perit kien qed jirrakkomanda li jistgħu jiġu *released* ir-*retention money* tad-ditta Sicilia Malta Ltd kif ġej:

*Patching Works in* Triq Ponsonby Lm322.33/€750.83 R/S Klg5/055

*Pavement Works in various streets* Lm49.90/€116.24 R/S Klg5/208

*Patching Works in Reggie Miller Str* Lm104.31/€242.98 R/S Klg5/319

Huwa kompla jgħid li rigward ir-*retention money* li din id-ditta għandha miżmum fuq *Request Sheet* Nru. Klg4/1147 (parti) *patching* fi Triq Reid k/ma' Triq Cameron li l-ammont hu ta' Lm328.50/€765.20, fl-opinjoni tiegħu dan m'għandux jiġi rrilaxxat għalissa.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo mar-rakkomandazzjoni tal-Perit jiġifieri li jitħallas ir-*retention money* fuq *Request Sheets* Nru 055 – 208 – 319.

Matul id-diskussjoni li saret rigward il-ħsara li saret fi Triq Stuart mill-kuntrattur, fejn fost affarijiet oħra l-Perit qal, li kien ġiebed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar l-inġenji goffi li kien qed juża u dan ta' l-aħħar qallu li kellu aċċess biex juża dawn l-inġenji għax kienu liċenzjati u li l-ħsara saret minħabba l-fatt, li taħt il-wiċċ tat-triq kien sab il-ħamrija. Il-Perit kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu, l-kuntratturi għandhom jiddikkjaraw l-inġenji li jkunu ser jintużgħu qabel ma l-Kunsill joħroġ il-permess.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li bla dubju l-Kunsill jipprova jġib l-informazzjoni kollha meħtieġa iżda, jrid ikun il-Perit li jgħid x'tip t'inġenji jistgħu jużaw.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li din kienet kompetenza tal-Perit u mhux ta' l-i*staff* tal-Kunsill minħabba l-fatt li l-Perit hu l-persuna professjonali f'dan il-qasam.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-fatt li dan il-kuntrattur fetaħ it-triq u għamlet ix-xita kien qed jagħmel prekawzjonijiet għall-ilma li jidħol taħt il-pedamenti ta' terzi?

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill setax jitlob xi tip ta' garanzija jew xi assigurazzjoni.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu l-garanzija li ntalbet lil dan il-kuntrattur, kienet bizzejjed.

Il-Perit qal, li l-Kunsill għandu jistaqsi l-*work method* li kien ser jintuża speċjalment waqt demolizzjoni ta' bini u l-work method għandha tiġi nkluża fir-regolamenti.

F’dan l-istadju ċ-*Chairman* qal, li kienet qed tiġi nkorporata *item* Nru.8 – Diskussjoni dwar Regolamenti ġodda għall-Permessi ta’ l-*Agenda*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsill kien ħejja regolamenti ġodda sabiex jingħataw lil dawk li jkunu ser jagħmlu xi żvilupp fil-lokalita’.

Il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni lill-Gvern Ċentrali sabiex tiġi emendata l-liġi b’tali mod li tinkludi danni morali waqt id-demolizzjoni u l-iżvilupp.

Rigward ir-*re-instatement* tat-triq u l-bankini fi Triq Ponsony u Triq Stuart, l-Perit kien qed jirrakkomanda li ssir Triq Ponsonby għax fl-opinjoni tiegħu Triq Stuart kienet ser toħloq ħafna problemi.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-kuntratturi kienu qed jieħdu minn erba’ sa ħames *parking bays* u għalhekk, kien qed jissuġġerixxi li l-kuntratturi jħallsu Lm1/€2.33 għal kull *parking bay*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri mas-suġġeriment hawn fuq msemmi sakemm il-proċedura tkun legali u għalhekk, li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lill-Avukat tal-Kunsill Dott. Edward Woods.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ta rendikont tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li saret il-Ħamis 8 ta’ Novembru 2007, fejn fost affarijiet oħra, ġiet diskussa s-sitwazzjoni tas-servizz tal-Gwardjani Lokali. Huwa kompla jgħid li kien ppropona li din il-lokalita’għandu jkollha żewġ Gwardjani Lokali, wieħed tar-ronda u ieħor għall-permessi u dan wara li kien tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv li din minn naħa tagħha qalet, li l-Kunsill kien qed ikun speċifiku ħafna fil-permessi.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal ukoll, li waqt il-laqgħa hawn fuq msemmija, kien ressaq proposta sabiex dawk il-Kunsilli li jordnaw Gwardjan Lokali għall-*extra service* minħabba permessi ta’ żvilupp, il-Kunsill għandu jigwadanja wkoll mid-dħul ta’ dan is-servizz. Huwa kompla jgħid, li r-rappreżentanti tal-Kunsilli li kienu preżenti qablu ma’ din il-proposta.

Rigward il-problema tad-drenaġġ li joħroġ fi Triq Coleridge, il-Perit qal, li sid il-lukanda Bay View wara li kienu tlestew ix-xogħlijiet, kien witta bil-konkos quddiem is-*service entrance* li għandu fit-triq hawn fuq msemmija, b’tali mod li għamilha għola mill-livell eżistenti tat-triq (*proud from street level*) b’konsegwenza tal-fatt, li kreja qisu *buffer zone* quddiem l-entratura tiegħu u għalhekk kull meta tagħmel ix-xita ma jżommx ilma quddiemu iżda jiffurmaw għadajjar quddiem *adjacent properties* mal-lukanda. Hu kompla jgħid, li fi ġranet tax-xita wkoll, jippompja d-drenaġġ fit-triq u personalment

kien ra turisti jaqsmu t-triq fid-drenaġġ u għalhekk, meta jkun hemm sadd, irid jinġieb *bowser*.

Il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jibgħatlu ittra mill-Avukat tal-Kunsill, Dott. Edward Woods.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien informa lid-Dipartiment konċernat u fir-risposta ta' dan id-Dipartiment kien hemm li kien sar *site-meeting* li għalih il-Kunsill ma kienx mistieden u għalhekk reġgħet inkitbet ittra oħra fejn il-Kunsill informa li, x-xogħol mitlub min-naħa tal-Kunsill, jiġifieri t-tindif tal-*culverts* isir perjodikament u fil-fatt kien għadu kemm tlesta kif ukoll, li kelna nkunu avżati b'dan il-*meeting* biex b'hekk stajna nipparteċipaw.

Il-Perit informa li kien pprepara d-dokumenti meħtieġa dwar l-*embellishment* tax-Xatt (*central strip*) biex jibgħathom lil Marisa Darmanin (MEPA U.I.F.) u lill-Perit Lucienne Stafrace.

Ngħata rendikont tal-laqgħa li saret rigward il-*pavement issue* tal-B.O.V. fi Triq ix-Xatt mill-Perit u kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jikteb lill-*Manager* tal-B.O.V., lil Ms Sandra Maresca rappreżentanta tal-B.O.V. u lill-Perit Borg Costanzi fejn nirreferu għall-laqgħa li saret, fejn ġie deċiż li jsir *diagonal grading* fuq livell tal-bankina u jitħallew bokok adekwati li jippermettu l-ilma tax-xita jidħol mill-livell tat-triq, għandu jsir disinn li jinkludi r-rilokazzjoni tal-parking, jingħata lill-kuntrattur mqabbad mill-B.O.V. biex isir dan ix-xogħol mill-aktar fis possibbli a spejjeż tagħhom. Sakemm isir dan ix-xogħol, il-Kunsill iżomm lill-B.O.V. responsabbli għad-danni.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Perit.

Rigward l-inċidenza ta' *flooding* fi Triq Luqa Briffa k/ma' Triq San Albert, il-Perit qal, li minħabba l-fatt li l-ilma qed jaqbeż il-*catch pits* u jogħla iżjed mill-għatiebi, fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jġib CCTV.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu jġib il-pjanti mill-Gvern Ċentrali biex jara kif huma dawn il-*catch pits*.

Tressqet pjanta tal-pedestal tal-bust ta' Willie Apap li kien ser ikun lest (jiġifieri l-bust) fl-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla.

Il-Perit qal, li biex jiġi nstallat il-pedestal trid issir applikazzjoni lill-MEPA li tieħu mill-anqas tlett xhur biex tiġi proċessata għalhekk, il-Kunsill kellu jipprovdi ritratt tal-bust biex b'hekk japplika mill-aktar fis.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-bust seta' jitpoġġa fuq il-pedestal tal-funtana li hemm fix-Xatt.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jintbagħat ritratt tal-bust lill-Perit sabiex sussegwentament, tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni l-M.E.P.A.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-istima approvata għall-ispejjeż tal-bust kienet ta' Lm1000/€2329.37 li ġiet approvata fil-laqgħa ta' l-20 ta' Ġunju 2006 Klg4/31.

Il-Perit telaq fl-4.30 p.m.

**10. Affarijiet Oħra**

**10.1.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li *ż-zebra crossing* li hemm fi Triq Madonna tal-Ġebla għandha titneħħa u ssir *traffic calming measure* aktar l-isfel u b'hekk jiżdiedu żewġ *parking bays*.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskop tal-Kunsill kien bħal dak tal-Kunsillier Malcolm Camilleri iżda l-A.D.T.kienet iddeċidiet li ssir hemm minħabba l-iskola N.S.T.S.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li jekk kemm –il darba Triq Madonna tal-Ġebla ma ssirx *One Way*, kien qed jipproponi li ssir *traffic calming measure* bejn Triq San Albert u Triq Madonna tal-Ġebla.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li titneħħa *ż-zebra crossing* u ssir it-*traffic calming measure* kif ġie propost aktar 'l fuq.

**10.2.** Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li kopja ta' l-*Agenda* għandha titwaħħal fiż-żewġ *Notice Boards* li għandna fil-lokalita' jiġifieri dik ta' ħdejn il-*Policlinic* u ta' ħdejn l-*Orpheum*.

**10.3.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo li jsiru dawk il-proċeduri għaż-żmien tal-Milied bħas-snin ta' qabel.

**11. Laqgħa Oħra**

**11.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fl-4.35 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K519/119/07**

**November 2007 KLG5/10**

| R/Sheet No: | Description | Value | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 309 | C.S.D. Office Trade – invoice 18040 Stationery Computer | 22.89 €53.32 | 5121 |
| 310 | Cleansing Services Dept. invoice MLC/07/90437 Services Sept. 07 | 1292.41 €3010.50 | 5122 |
| 311 | GO invoice 8794308 Tel: 21334254/Tel 21341034 Calls Sept. Rent Oct. 07 | 33.04 €76.96 | 5068 |
| 312 | GO invoice 8795307 Tel: 21322157 Calls Sept. 07 Rent October 2007 | 116.11 €270.46 | 5069 |
| 313 | GO invoice 8794324 Tel No: 21341616 Calls Sept. 07 Rent Oct. 07 | 12.59 €29.33 | 5070 |
| 314 | Mr. Carmel Attard repair of office blinds | 17.70 €41.23 | 5123 |
| 315 | Mr. Carmelo Ciantar għajnuna għall-parti mill-ispejjeż wirja gimgħa –il kbira approved Klg5/09 – 05.10.07 | 50.00 €116.47 | 5109 |
| 316 | Venture Trading invoice 9767 Euro Converter for Sage approved Klg5/09 05.10.07 | 75.27 €175.33 | 5124 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 317 | Uniking 7 Rubber Speed Moderators inv. Approved klg5/09 05.10.07 | 1479.44 €3446.17 | 5125 |
| 318 | Dott. Ed Woods k- re kawża Nru. 1548/ 00JRM spejjeż appr. KLG5/09 5/10/07 | 680.04 €1584.07 | 5115 |
| 319 | Sicilia Malta Patching Works Reggie letter dtd 3.10.07 appr.05.10.07 Klg5/09 | 556.34 €1295.92 | 5107 |
| 320 | Mr. Joe Borg spejjeż papri Ducks village Klg5/09 – 5.10.07 | 20.00 €46.59 | 5110 |
| 321 | Mr. Charles Micallef St. John one volume Rumanz Georga | 4.00 €9.32 | 5126 |
| 322 | Greenlines En. Services invoice 11850 2 mobile toilets Sept. 07 The Strand | 120.01 €279.55 | 5127 |
| 323 | Melita Cable plc invoice No: 24173210 Calls Sept/Oct. 07 Rent Nov. 07 | 28.80 €67.09 | 5128 |
| 324 | Cleansing Services Dept. replacement of 3 slabs Gzira Gardens inv.GZR 03 €164.92 | 70.80 | 5129 |
| 325 | The Toolbox inv.6540/43/68/94/6633 6640 | 15.37 €35.80 | 5130 |
| 326 | G4S Security Services (Malta) Ltd invoice 23631 5 Trips Sept. 07 | 16.23 €37.80 | 5131 |
| 327 | Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Laqgħa 26.10.2007 | 30.00 69.88 | 5108 |
| 328 | Conmal Ltd. Invoice 1091 maint Bozza W086 | 40.85 €95.15 | 5132 |
| 329 | Conmal Ltd invoice 1093 Maint Bozza W010 Ponsonby u St. Albert Street | 72.15 €168.06 | 5134 |
| 330 | Cleansing Services Dept. invoice ES/07/ 2007437 Extra Serv. Sept. 2007 | 643.69 €1499.39 | 5135 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 331 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 7875 D/N 989 Traffic Signs for Council | 71.25 €165.97 | 5136 |
| 332 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 7917 Job No: 7174 Road Markings | 175.54 €408.90 | 5137 |
| 333 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 7918 Job No: 7175 Road Markings | 12.45 €29.00 | 5138 |
| 334 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 7926 Job No: 7126 Road Markings | 58.93 €137.27 | 5139 |
| 335 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 7931 Job No: 6604 Traffic Signs | 9.50 €22.13 | 5140 |
| 336 | Stardelta invoice 2738021 – green paint | 1.22 €2.84 | 5141 |
| 337 | Standard Publications invoice 62030- Advert GLC05/07 Tender Patching | 28.32 €65.97 | 5142 |
| 338 | Media Link invoice 037714 Advert Tender Glc05/07 Patching | 29.50 €68.72 | 5143 |
| 339 | Union Press Co. Ltd. Invoice 38971 advert tender Glc05/07 Patching | 29.50 €68.72 | 5144 |
| 340 | Allied Newspapers invoice AS1255045 Advert Tender 06/2007 Activity Centre | 35.40 €82.46 | 5145 |
| 341 | Mount Carmel Band Club invoice Laq20/261/ gg/07 half page advert programm Festa | 30.00 €69.88 | 5146 |
| 342 | DOI advert Tender GLC06/2007 Activity | 4.00 €9.32 | 5091 |
| 343 | Mr. Emanuel Mifsud – inv.2-397612 Door to Door November 2007 | 2400.00 €5590.50 | 5170 |
| 344 | Mr. Emanuel Mifsud – inv.2-397613 Hire of Skips November 2007 | 185.83 €432.87 | 5171 |
| 345 | Local Councils Association Laqgħa Mr Albert Rizzo 26.10.07 | 15.00 €34.94 | 5113 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **346** | **M.I.T.T.S. invoice SIN 019485 Support Service 11.10.07 job No: 332481** | **16.11 €37.53** | **5147** |
| **347** | **Conmal Ltd invoice 1103 maint bozoz A. Sammut k/ma Em. Giordano & changed 16 PLS and 3 Globes in Gnien** | **102.20 €238.06** | **5148** |
| **348** | **3 D (13 Distributions Ltd) Booking Order No: 2553 distribution of letter Resid Bulky Refuse** | **52.86 €123.14** | **5156** |
| **349** | **Alfa Co. Ltd Inv.43481 repair of fax and and photocopier** | **206.50 €481.01** | **5157** |
| **350** | **Mr. Mario Mallia invoice 179 – Two Traffic Mirrors on Pole Sliema Rd & Luqa Briffa** | **87.70 €204.29** | **5158** |
| **351** | **Merlin Library invoice 022516 – 6 kotba Kintergarden** | **11.97 €27.88** | **5159** |
| **352** | **Ciancio (1913) Co. Ltd – I high performance chip invoice 112375** | **12.40 €28.88** | **5160** |
| **353** | **Environmental Landscapes Cons. Invoice 003149 Maint of Soft Areas October 07** | **950.01 €2212.93** | **5161** |
| **354** | **Mr. Tony Gatt re: K512/26/07 book Malta Analysis and Consequences of Elections** | **3.71 €8.64** | **5173** |
| **355** | **Globe Electronics Ltd invoice 3503 repair of Porter System** | **16.52 €38.48** | **5162** |
| **356** | **Union Print Ltd invoice 17585 – 2000 Sympathy Cards, 2000 Business Cards 5000 Letter heads** | **280.02 €652.27** | **5168** |
| **357** | **Guard & Warden GLC05/2007 Extra Services 03.11.07 – three hours** | **10.20 €23.76** | **5163** |
| **358** | **Squire Bookshop invoice 6201 Stationery October 2007** | **29.92 €69.69** | **5164** |
| **359** | **Squire Bookshop invoice 6219 Newspapers October 2007** | **13.88 €32.33** | **5165** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 360 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 8156 job sheet No: 7273/7274 | 141.97 €330.70 | 5167 |
| 361 | Cleansing Services Dept. invoice MLC/07/ 100490 Services October 2007 | 1439.43 €3352.98 | 5166 |

## Tender GLC05/07 Patching and kerb reinstatement works

| | Power Cut Ltd | Asfaltar Cons. Ltd | Road Maint Ser | Silvar Const. | Polidano | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| less than 0.5 m² | Lm10/No | Lm2.00 | Lm6.80 | Lm2.00 p/hole | Lm2.00 p/hole | |
| 0.5m² less than 1.0m² | Lm15/No | Lm3.50 | Lm6.75 | Lm2.50 p/hole | Lm3.00 p/hole | |
| 1.0m² less than 3.0m² | Lm5/spm | Lm4.50 | Lm6.75 | Lm6.00 m² | Lm4.50 m² | |
| more than 3.0m² | Lm4/spm | Lm4.50 | Lm6.75 | Lm6.00 m² | Lm5.50 m² | |
| less than 0.5 m² | Lm15/No | Lm3.00 | Lm9.10 | Lm3.50 p/hole | Lm2.55 p/hole | |
| 0.5 m² less than 1.0m² | Lm20/No | Lm4.50 | Lm9.00 | Lm4.75 p/hole | Lm4.10 p/hole | |
| 1.0m² less than 3.0m² | Lm6/spm | Lm5.50 | Lm9.00 | Lm12.00 m² | Lm7.80 m² | |
| more than 3.0m² | Lm5/spm | Lm5.50 | Lm9.00 | Lm12.00 m² | Lm5.50 m² | |
| Major Patching | Lm5/spm | Lm5.50 | Lm7.40 | Lm12.00 m² | Lm5.50m² | |
| **Kerb** | | | | | | |
| **10a** | 1.0 w p Lm14.00 | Lm5 p lnr kerb mtr | Lm11.80 per mtr incl.take up exist & build new pave | | Lm4.39 1.m | supp/lay/bed/ back/point/precst concrete 255mm |
| **10b** | 1.0 w excp 1.5 Lm17.00 | Lm4.50 sq.mtr Concrete C20 pavement 100mm | | | Lm1.52 1.m | cast in situ C20 concrete gutter |
| **10c** | 1.0 excp 2.0 m Lm20.00 | | | | Lm3.52 sq m | supp/lay C20 concrete f/ways |
| **10d** | 1.0 excp 3.0 m Lm26.00 | | | | Lm2.28 1.m | supp/lay + drain pipes |
| | | | | | Lm7.56 No | supp/ltran/lay pvc junction boxes |
| | | | | | Lm13.87 No | modify intercept trap chamber |
| | | | | | Lm1.10 1.m | break up of exist concrete kerbs |
| | | | | | Lm1.34 sq m | break up of exist concrete paving |

**Power Cut** **The Council shall be responsible for Police/Warden surveillance - No sub contracting**

**Polidano** **Works under item No.10 will be carried out in accordance with specified rates**
**Minimum call out charge patching & Kerb Works = Lm600.00**

**All rates are inclusive of VAT & 5% Contract Management Charge.**